MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 996/2006

**Adrian Delia**
**(ID 299369 M)**

**vs**

**Marcus Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` Novembru, 2006 fejn l-attur qed jitlob sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf, mitejn u erbatax il-lira u erbghin centezmu (Lm1214.40) rapprezentanti valur ta` servizzi professjonali rezi w imghaxijiet relattivi dekorsi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 17 ta` Mejju, 2006 u bl-imghax legali sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 22 ta` Novembru, 2006 fejn eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2149 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u fit-tieni lok, li l-ammont mitlub ma kienx dovut oltre ghall-fatt li ma tistax titlob hlas tal-imghax bhala capital u fl-ahharnett peress illi l-pretenzjoni kienet infondata fattwalment u legalment b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra.

Illi l-artikolu tal-ligi dwar preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna sollevata mill-konvenut jirrizulta mhux applikabbli ghal meritu tat-talba odjerna.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, it-Tribunal qieghed jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut billi jichad l-istess u kwindi jordna l-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjes ta` din id-decizjoni a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM------------------------------